# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

---

Minuti tas-seduta numru ħamsa u ħamsin (55) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 29 ta' April, 2010, fis-6:00pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| PREŻENTI: | | |
|---|---|---|
| | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |
| | Dorianne Zammit | Skrivana |

1. Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti**

3. Jerome Busuttil ikkonferma li r-restawratur beda x-xogħol ta' restawr fuq in-niċċa tad-Duluri.

4. Eddie Bonello staqsa lis-Sindku hekk ltaqgħax mar-residenti ta' Sqaq Numru 18 f'Triq Santa Marija rigward il-bank li intalab jiġi maqlugħ minn dan l-isqaq. Is-Sindku qal li huwa ikkonferma verbalment mar-residenti kolla ta' dan l-isqaq sabiex dan il-bank jiġi maqlugħ. Francis Callus sostna li din t-talba għanda tasal lil Kunsill bil-miktub minn dawn ir-residenti. Wara li ġie diskuss dan il-punt, il-Kunsilliera qablu li issir ittra bil-miktub u tiġi iffirmata mir-residenti ta' dan l-isqaq.

**Proġett f'Triq il-Karwija**

5. Eddie Bonello staqsa lis-Sindku jekk l-ETC għaddietx lista ta' nies bla xogħol f'Ħal Safi sabiex kull persuna tiġi nfurmata dwar postijiet vakanti mal-Kumpanija ġdida SR Techniques. Is-Sindku rrimarka li din il-lista mhix disponibbli għaliex jkollha fiha informazzjoni kunfidenzjali.

6. Eddie Bonello irrimarka wkoll li hemm bżonn jsir resurfacing fejn iċ-ċimiterju ta' Ħal Kirkop qabel ma jiftħu t-triq il-ġdida. Is-sindku sostna li huwa qed jagħmel l-għalmu tiegħu sabiex issir pressjoni fuq il-Malta Enterprise minn naħa tal-Kunsill sabiex dan ma jseħħx għalkemm ma eskludiex il-fatt li jkun hemm bżonn jintużaw toroq alternattivi għal ftit żmien qabel ma din it-triq il-ġdida tinfetaħ.

7. Rigward l-isqaq fi triq il-Karwija, is-Sindku ikkonferma li iltaqa' mal-Perit tal-Kuntrattur li kien għamel il-bidu ta' din it-triq bi tarmak. Il-Perit kejjel it-triq sabiex issir l-istima għal kumplament ta' din it-triq bi tarmak u tingħata lil SR Techniques.

**Aġġudikazzjoni ta' Tender tal-PV system**

8. L-Inġinier Curmi informa lil Kunsill li bagħat mistoqsijiet ta kjarifika lil kuntratturi ta' dan it-tender. Peres li dawn għadhom ma bgħattux ir-risposta tagħhom, il-laqgħa ma l-Inġinier ser issir wara li jitlesta r-rapport tekniku tiegħu fil-laqgħa li jmiss.

**Embelishment f'Misraħ San Ġużepp**

9. Is-Sindku qal li iltaqa' mal-Perit Musumeċi kif wkoll mal-Perit ta' Polidano Brothers sabiex jiġi diskuss il-proġett ta' Misraħ San Ġużepp. Dawn iddiskutew il-pjanti li ġew sottomessi lil Mepa kif wkoll affarijiet tekniċi tal-Proġett.

**Ġbir ta' skart separat**

10. Jerome Busuttil irrimarka li matul din il-ġimgħa kien hemm l-iskips tas-skart separat li kienu mimlija. Huwa ċempel lil kuntrattur il-ġdid sabiex jiġi jbattalhom. F'dan ir-rigward, is-SE ippreżenta l-ġranet ta' meta jinġabar l-iskart minnhom.

11. Is-SE ikkonferma li l-kuntratt mal-GreenPak sabiex l-immaniġġjar tal-ġbir tal-borża l-griza jgħaddi f'idejn din il-kumpanija ġie ippreparat u ser jiġi iffirmat sa l-aħħar ta' din il-ġimgħa.

**Korrispondenza**

12. Is-SE irrimarka li dwar id-devuluzzjoni tax-xelter tal-gwerra fil-Misraħ ta' Ħal Safi, id-Dipartiment tal-Kunsilli bagħatu għall-attenzjoni tal-Kunsill Memo ta' 1999. F'din il-Memo hemm l-ispeċifikazzjonijiet u dokumentazzjoni rikjesta għad-devoluzzjoni tax-xelter.

13. Iriċivejna e-mail mid-Dipartiment sabiex nidentifikaw postijiet fejn jiġi installat servizz ta' Wifi f'Ħal Safi. Għal dan ġew identifikati Ġnien Dun Karm kif wkoll il-bandli ta' Hal Safi.

14. Rappreżentant tal-kumpanija Nexos Lighting ikkuntattja lis-Sindku sabiex jinforma il-Kunsill li din il-Kumpanija ser tordna diversi fanali ta' dawl. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u ġie deċiż li ma hemmx il-bżonn li nordnaw minn dawn il-fanali għal issa.

**Skema Sportiva – Sajf 2010**

Is-Sur Omar Schembri, il-coach tan-nursery daħal waqt il-laqgħa sabiex jiġi diskuss il-futbol tan-nursery fis-sajf kif wkoll inizjattivi oħra edukattivi mil-istess nursery fis-sajf. Dawn l-attivitajiet jinkludu *life skills-how my body works, first aid*, drama, crafts, kitba bil-Malti u Ingliż, converżazjoni bit-Taljan kif wkoll introduzzjoni tal-Ġermaniż. Il-ħsieb huwa li jkun hemm żewġ gruppi maqsuma skond l-eta' u b'kollox isiru 10 sessjonijiet, waħda kull ġimgħa ta' siegħa u nofs. Irrimarka wkoll, li n-nursery tifdi l-ispejjeż kemm il-darba l-gruppi jkunu ta' 15 il-tifel jew aktar.

Il-Kunsilliera qablu mal-proposti preżentati u talbu lis-Sur Schembri jipprepara l-aplikazzjonijiet.

Is-Sur Schembri staqsa lil kunsill sabiex il-laqgħa ta' l-*end of season* issir fis-sala tal-Kunsill nhar l-10 ta' Ġunju fis-6.30. Il-Kunsilliera qablu.

**Budget**

Is-Se ippreżenta l-*budget* tal-Kunsill għas-sena finanzjarja 2010. Dan inqara u ġie spjegat fid-dettall, sarulu t-tibdil neċessarji u ġie approvat.

**Ħwejjeġ Oħra**

15. Publius Abdilla irrimarka li tabella fi Triq San Ġwann qegħda baxxa wisq u faċilment jista jweġġa xi ħadd magħha.

16. Publius Abdilla ikkonferma li mar għand Zammit Nurseries u ordna 4 *pots* għal Misraħ ta' Santa Marija, hekk kif ġie miftiehem fil-laqgħa tal-Kunsill li għaddiet.

17. Eddie Bonello irrimarka li f'Żurrieq Road hemm arblu tad-dawl li għandu bżonn jiġi rranġat għax ittiekel bis-sadid.

18. Eddie Bonello irrimirka li f'Misraħ San Mattew qed jkun hemm żgumbrar fuq il-bankina. Is-Sindku ikkonferma li diġa ġibed l-attenzjoni tal-persuna li qed tqiegħed dan l-iżgrumbrar fuq il-bankina. Il-kunsilliera qablu li dan mhux aċċettabli u jekk din il-persuna mhux ser tieħu azzjoni minnufiegħ sabiex tneħħi dan l-iżgrumbrar, jkun hemm bżonn jintbgħat gwardjan lokali.

19. Eddie Bonello irrimarka li l-ħajt tas-sejjieħ fi Triq Piju Zammit għandu bżonn jiġi rranġat, u l-kunsill qabel li tintalab stima.

20. Publius Abdilla irrimarka li f'Saint Paul Ally 1, hemm arblu tad-dawl li għandu bżonn jinqala' għax ma jintużax.

21. Eddie Bonello ikkonferma li t-tabelli li ser jitwaħlu mal-postijiet storiċi f'Ħal Safi ġew ordnati.

22. Is-Sindku ikkonferma li l-*isleeping police* ta' Triq ta' l-Ajżar ġiet ordnata u ser titwaħħal dalwaqt.

23. Francis Callus irrimarka li diversi anzjani ma kienux sodisfatti bl-ikel li tqassam waqt l-attivita' ta' l-anzjani l-ġimgħa ta' wara Jum Ħal Safi. Is-Sindku spjega li l-iżball sar minn naħa ta' l-assistenti tad-Day Care Centre li ma saħħnux l-ikel. Francis Callus irrimarka wkoll li l-faċilitajiet tad-Day Care Centre mhux jintużaw kif suppost. Il-Kunsilliera qablu li nkelmu lil assistenti tad-Day Care Centre sabiex jikkoreġu dan l-għaġir.

24. **Il-Payment Approval** Sheet No. 48 ġiet approvata.

25. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 13 ta' Mejju, 2010.

26. Il-laqgħa ntemmet fid-9:15pm.

Approvati llum 13/05/2010

Sindku | Segretarju Eżekuttiv